

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.1.2009  
KUMM(2008) 869 finali

2008/0252 (CNS)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-istrateġija ta' Liżbona mġedda li tnediet fl-2005 hija bbażata fuq ċiklu ta' tliet snin ta' tmexxija b'pakkett ta' linji gwida integrati li jinkludi dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

Skont il-bażi ta' linji gwida integrati li ġew adottati bħala parti mit-tieni ċiklu ta' tliet snin tal-Istrateġija ta' Liżbona mġedda fl-2008<sup>1</sup> u li jibqgħu validi sal-2010, l-Istati Membri jfasslu Programmi ta' Riforma Nazzjonali (PRN) li jstabbilixxu l-istrateġiji tagħhom biex joħlqu tkabbir u l-impjiegi. Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tal-isfidi tal-impjiegi fil-PRN tinsab fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-impjiegi u fil-proposta għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, li hi adottata mill-Kummissjoni skont l-artikolu 128(1) tat-Trattat KE.

Il-valutazzjoni turi li qegħdin isiru riformi strutturali fl-Istati Membri, u dan ikkontribwixxa għal tnaqqis fil-qagħad u żieda fl-impjiegi fl-UE fl-2007. Madankollu, ix-xena ekonomika nbidlet drammatikament matul it-tieni nofs tal-2008, minħabba l-kriżijiet finanzjarji u tas-self bankarju. Skont it-tbassir hemm indikat tnaqqis jew anke tkabbir negattiv fl-impjiegi, kif ukoll żieda fil-qagħad fl-UE għall-2009.

Il-Linji Gwida tal-impjiegi jippreżentaw qafas li jipprovdi gwida politika u għanijiet ġenerali għall-Istati Membri u l-UE. Permezz tal-linji gwida l-Istati Membri jistgħu jiffukaw fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom li jistgħu jkunu differenti bejn il-pajjiżi u jinbidlu maċ-ċiklu ekonomiku. Għalhekk il-prijoritajiet għaż-żmien medju fil-linji gwida jibqgħu validi:

- jiġu attirati u jinżammu aktar nies fl-impjieg, jiżdiedu nies li lesti jaħdmu u jiġu modernizzati s-sistemi għall-ħarsien soċjali;
- titjeb l-addattabilità tal-ħaddiema u tal-intrapriżi;
- jiżdied l-investment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ta' ħiliet aħjar

Skont il-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku<sup>2</sup>, il-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji riċenti jimplikaw il-ħtieġa għal azzjoni immedjata filwaqt li titkompla l-aġenda ta' riforma strutturali u jinżammu l-għanijiet għaż-żmien medju u dak fit-tul. Żewġ miżuri ta' politika għandhom jiġu enfażizzati għal azzjoni immedjata: it-titjib tal-abilità ta' impjieg permezz tal-flessigurtà, inklużi għal dawk l-aktar vulnerabbli; u t-titjib tal-livelli tal-ħilijiet u l-qbil tagħhom mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Ir-risposti tal-politika jinsabu fil-Linji Gwida tal-impjiegi kurrenti.

- Il-flessigurtà hija approċċ politiku integrat bil-għan li jiffaċilita l-adattabilità tal-ħaddiema u l-intrapriżi, u jiżgura li l-UE tista' tisfrutta l-benefiċċji mill-globalizzazzjoni. Ċerti aspetti tal-flessigurtà terġa' huma aktar essenzjali fiż-żmien qasir: jiġu infurzati skemi ta' attivazzjoni b'mod partikolari għal-dawk bi ftit kompetenzi professjonali; jitjebu s-sussidji tax-xogħol u l-korsijiet ta' taħriġ qosra għal gruppjiet vulnerabbli u dawk l-aktar friskju li jkunu bla xogħol għal-żmien twil; jiġi pprovdut aktar taħriġ u ħiliet ġodda meħtieġa f'ċerti setturi; protezzjoni soċjali adekwata li tipprovdi sigurtà tad-dħul, inċentivi għax-xogħol u jitħaddan il-poter li bih wieħed jista' jikseb aktar; kuntratti ta' xogħol aktar farmonija li jnaqqsu s-segmentazzjoni filwaqt li tkun evitata t-tentazzjoni li jinħolqu kuntratti 'flessibbli'. Fl-istess ħin, id-djalogu soċjali – element neċessarju ta' kwalunkwe politika ta' flessigurtà – hu wkoll kruċjali fiċ-ċirkustanzi ekonomiċi preżenti.

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/618/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri *ĠUL 198*, 26.7.2008, p. 47-54

<sup>2</sup> COM(2008) 800

- Sforz kbir biex jitjiebu l-ħtiġijiet f'kull livell ta' kwalifikazzjoni se tkun essenzjali biex tkun affaċċjata l-bidla demografika u teknoloġika u biex it-transizzjoni għal ekonomija b'inqas użu tal-karbonju tkun ta' benefiċju, iżda wkoll biex l-UE terġa tkompli t-triq ta' tkabbir ekonomiku f'żminijiet ta' kriżi. Fit-terminu qasir, it-tqabbil tal-abbilitajiet tan-nies u x-xogħlijiet disponibbli hu wkoll importanti hekk kif il-prospetti ta' xogħol sejrini għall-aġar. Dawn mingħajr xogħol, inkluż gruppi vulnerabbli, iridu jiġu mgħammra b'ħiliet li huma meħtieġa fis-suq tax-xogħol tal-lum. L-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet futuri hi kruċjali f'dan ir-rispett, biex inkunu nistgħu nilqgħu għall-bidla ekonomika. Is-Servizzi Pubbliċi għall-Impjieg, l-imsieħba soċjali u l-universitajiet għandhom rwol importanti kemm biex jantiċipaw il-kapaċitajiet meħtieġa u jtejbju t-tqabbil u kemm biex jiżguraw li l-individwi jkollhom il-kapaċitajiet it-tajba. L-inizjattiva dwar il-ħiliet Ġodda għal Impjieg Ġodda<sup>3</sup> se tikkontribwixxi għal dan.
- F'dan ir-rigward, il-konnessjoni bejn il-Linji Gwida dwar l-Impjieg u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) trid tiġi rinfurzata aktar. Il-FSE jista' jiffinanzja azzjoni immedjata meħhuda minn Stati Membri fir-rigward tal-flessigurtà, il-ħiliet u s-sostenn immirat għall-aktar gruppi vulnerabbli frispjosta għall-kriżi ekonomika. Il-Fond Ewropew tal-Globalizzazzjoni se jkompli jgħin lill-Istati Membri biex jappoġġjaw il-ħaddiema bla xogħol u biex il-ħaddiema mħarrġa jinżammu fix-xogħol għal meta l-ekonomija tibda tirkupra.

L-għanijiet u l-prijoritajiet ġenerali espressi fil-Linji Gwida dwar l-Impjieg attwali jibqgħu validi fir-rigward tal-kriżijiet attwali u kif ukoll tar-relevanza tal-politika u l-aġenda ta' riforma. Għal raġunijiet ta' proċedura stipulati fl-Artikolu 128(2), il-validità tagħhom għall-2009 teħtieġ li tiġi kkonfermata b'Deċiżjoni tal-Kunsill, wara konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat tar-Regġuni u tal-Kumitat tal-Impjieg.

---

<sup>3</sup> COM(2008) XXX

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikulari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni<sup>4</sup>,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>5</sup>,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>6</sup>,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>7</sup>,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat dwar l-Impjiegi,

Billi:

- (1) L-Istrateġija ta' Liżbona mġedda fl-2005 enfasizzat it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi u l-Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa kienu adottati bħala pakkett integrat, fejn l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi għandha r-rwol prinċipali fl-implimentazzjoni tal-obiettivi tas-suq tal-impjiegi u x-xogħol tal-Istrateġija ta' Liżbona.
- (2) L-eżami tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri li jinsab fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi juri li l-Istati Membri għandhom ikomplu jagħmlu kull sforz biex jindirizzaw l-oqsma ta' prijorità li huma: jiġu attirati u jinżammu aktar nies fl-impjieg; jiżiedu nies li lesti jaħdmu u jiġu modernizzati s-sistemi għall-ħarsien soċjali; titjeb l-addattabilità tal-ħaddiema u tal-intrapriżi; u jiżied l-investment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ħiliet aħjar.
- (3) Fid-dawl tal-kriżijiet ekonomiċi attwali, il-Linji Gwida għandhom iservu wkoll bħala għodda biex jintlaħqu l-isfidi immedjati ta' żieda fin-nuqqas ta' xogħol u l-esklużjoni soċjali. Politika f'terminu immedjat tinkludi politika ta' flessigurtà integrata biex tiġi iffaċilitata t-transizzjoni għax-xogħol, it-tqabbil tan-nies bla xogħol ma' impjiegi disponibbli, u titjeb tal-ħilijiet.
- (4) Fir-rigward tal-eżaminazzjoni tal-Kummissjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, l-attenzjoni trid tkun fuq implimentazzjoni effettiva u f'waqtha, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil-għanijiet maqbula u l-livelli ta' referenza, u l-involviment tal-imsieħba soċjali.

---

<sup>4</sup> OJ C ..., ..., p.

<sup>5</sup> OJ C ..., ..., p.

<sup>6</sup> OJ C ..., ..., p.

<sup>7</sup> OJ C ..., ..., p.

- (5) Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi li ġew adottati fl-2008 huma validi għal tliet snin, filwaqt li fis-snin intermedji, sa l-aħħar tal-2010, l-aġġornament tagħhom għandu jibqa' limitat b'mod strett.
- (6) L-Istati Membri għandhom jistudjaw l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew meta jiġu biex jimplimentaw il-Linji Gwida tal-Impjiegi.
- (7) Minħabba n-natura integrata tal-pakkett tal-linji gwida, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw b'mod sħiħ il-Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri kif stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri<sup>8</sup> għandhom jinżammu għall-2009 u għandhom ikunu kkunsidrati mill-Istati Membri fil-politiki tal-impjiegi tagħhom.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/618/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri *ĠU L 198, 26.7.2008, p. 47-54*